MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2003

Citazzjoni Numru. 1068/2003

Starfruit Limited

Vs

Antoine Agius Limited

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li biha s-socjeta' attrici ippremettiet illi hija kreditrici tas-socjeta' konvenuta fl-ammont ta' ghoxrin elf u seba' liri Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm20,007.85), bilanc minn somma akbar, rapprezentanti bejgh ta' frott tul il-perjodu bejn April 2003 sa Settembru 2003, liema prodott gie debitament mibjugh u kkonsenjat lis-socjeta' konvenuta; u

Ippremettiet illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta' attrici, is-socjeta' konvenuta

m’ghandiex eccezzjonijiet xi tressaq kontra t-talba tas-socjeta’ attrici ghall-hlas tal-istess ammont; u

Ippremettiet illi ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet interpellata sabiex tersaq ghall-hlas, baqghet inadempjenti;

Ghalhekk talbet biex is-socjeta’ konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikoli 167 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.
2. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ ghoxrin elf u seba’ liri Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm20,007.85) rapprezentanti bejgh ta’ frott.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta’ konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta attrici;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` konvenuta li biha ammettiet it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Semghet ir-rapprezentant tas-socjeta’ attrici;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta` konvenuta, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fuq ammissjoni tas-socjeta` konvenuta tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta` attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------